

# Il-Gran Mastru Claude De La Senglè

*minn Chev. Mario Coleiro OSJ*

L-Ordni Ospidaljer ta' San Ġwann hija komposta minn tmien lingwi li kollha kellhom l-obbligi tagħhom fi ħdan l-Ordni. Kull lingwa kellha dak li kien jissejjaħ il-Balliju li kien ikun bħal mexxej tal-lingwa. L-Ordni kien ikun immexxi mill-Gran Kunsill u bħala kap tiegħu kien ikollu l-Gran Mastru li kien jinħatar wara votazzjoni li kienet issir bejn il-lingwi kollha. Il-Gran Mastru kien ikun il-kap sovran fuq l-Ordni u għalhekk kien ikun is-Sultan ta' Malta.

Fil-votazzjoni li saret nhar l-1 ta' Settembru 1553, wara l-mewt tal-Gran Mastru Spanjol Juan D'Omedes, inħatar il-Franċiż Claude De La Senglè bħala l-ħames Gran Mastru ta' Malta.



Il-Gran Mastru Juan D'Homedes

La Senglè kien bniedem rispettat ħafna u kien magħruf bħala bniedem qalbieni, ġust u ta' virtù. Fiż-żmien li nħatar Gran Mastru ma kienx jinsab f'Malta imma kien qiegħed jaqdi l-uffiċċju t'ambaxxatur tal-Ordni għas-Santa Sede fi żmien il-Papa Ġiljanus III. Huwa wasal lura Malta f'Jannar tas-sena ta' wara u niżel fil-bajja ta' San Pawl il-Baħar fejn ingħata laqgħa ta' sovran.

Malli ħa l-pussess ta' Gran Mastru u ta' sovran tal-gżejjer Maltin beda jfassal strateġija ta' ħidma. Bħalma kien għamel il-predeċessur tiegħu huwa neħħa ħafna mid-drittijiet li kellha l-università tal-Imdina u għaddihom lill-Kavallieri. Din il-ħaġa ġiegħlet lill-poplu jgerger u tqieset bħala tnaqqir tad-drittijet tal-Maltin. Daħħal ukoll taxxi ġodda fuq bżonnijiet li qabel ma kinux intaxxati u pprova jintaxxa wkoll lil kull min kien proprjetarju tal-art. Din it-taxxa kienet sabet oppożizzjoni kbira min-Nobbli u mill-membri tal-Knisja. Għalhekk kellu jibdel fehmtu u jneħħija.

Iżda ħafna minn dawn it-taxxi La Senglè kien qiegħed jagħmilhom biex ikollu fondi biżżejjed biex isaħħaħ is-sistema ta' difiża tal-gżejjer. Għal dan il-għan huwa bena l-Forti San Mikiel li kienet tiddefendi d-daħla tal-promontorju ta' San Ġiljan. Wara dawwar din l-istess art bi swar b'saħħithom u b'hekk waqqaf l-ewwel Belt li nbniet kompletament mill-Kavallieri f'Malta u semmiha Senglea. Din il-belt bis-swar tagħha kellha tkun strumentali ftit tas-snin wara waqt l-Assedju l-Kbir. Barra x-xogħol li sar fuq l-Isla huwa ħaseb ukoll biex isaħħaħ id-difiża tal-Birgu u kompla bosta binjiet li kienu nbnew mill-predeċessuri tiegħu. Lill-Birgu huwa sejjaħlu *'Citta Nuova'*, isem li ma tantx dam jintuża.

F'Ottubru tal-1555, tempesta qawwija ħafna laqtet lill-gżejjer Maltin u għamlet ħafna ħsara. Il-flotta tal-Ordni ġarrbet ħsarat u telfiet kbar u kważi nqerdet kompletament. Magħha tilfu ħajjithom madwar 600 baħħar u 40 kavallier li kienu fuq ix-xwieni. Din kienet telfa kbira għall-Ordni u għalhekk il-Gran Mastru kellu jħabbel moħħu mhux ftit biex reġa' bena l-flotta li kienet il-prestiġju tal-




Il-Gran Mastru Claude De La Senglè



Il-Forti San Mikiel.

Ordni. Għalhekk kienu ġew ordnati bosta xwieni li tħallsu minn diversi benefatturi fosthom il-Gran Mastru nnifsu. Biex il-flotta setgħet tkun waħda b'saħħitha u organizzata kienu bdew jiġu mħarrġa baħrin u baħħar biex jimmanuvraw ix-xwieni.

F'dik li hija amministrazzjoni La Senglè ma baqax lura. Huwa ħareġ diversi liġijiet fosthom kodiċi kriminali li kien bżonnjuż ħafna biex tinżamm ċertu dixxiplina fil-pajjiż. F'dan iż-żmien ukoll naraw li fuq it-Tron tal-Ingilterra kien hemm ir-Reġina Marija l-Kattolika u din flimkien mal-Gran Mastru La Senglè għamlet minn kollox biex terġa' tirrestawra l-aktar żewġ prijoritajiet importanti li kellu l-Ordni, jiġifieri dawk tal-Ingilterra u tal-Irlanda.

Din ir-reġina kienet iffirmat ukoll biex l-Ordni jerġa' jitwaqqaf fl-Ingilterra. La Senglè ma baqax lura għalhekk bagħat diversi rappreżentanti f'diversi postijiet biex idaħħlu kavallieri ġodda f'dawn iż-żewġ prijoritajiet.

Iżda dan ix-xogħol kollu ġie fix-xejn mal-mewt tar-reġina Marija u mal-ħatra ta' oħtha Eliżabetta I bħala reġina tal-Ingilterra, li kienet protestanta nkiser il-ftehim li kienet għamlet oħtha ma' Ruma u l-knisja u mal-Ordni ta' San Ġwann. Fuq kollox, il-Gran Mastru Claude De la Senglè kien wieħed mill-aħjar Gran Mastri li tela' fuq it-tron ta' Malta. Minkejja li fi żmienu ġieli nqala' xi diżgwid u tgergir mill-poplu xorta nistgħu ngħidu li r-renju tiegħu kien wieħed pożittiv. Huwa miet nhar it-18 ta' Awwissu 1557 ġewwa l-Imdina.

Ħalla l-pedimenti u l-ġid kollu tiegħu lill-kaxxa tal-Ordni. Qabel mewtu huwa kien wera x-xewqa li meta jmut jindifen fil-knisja tal-Lunzjata tal-Patrijiet Karmelitani li tinsab fl-inħawi magħrufa bħala ta' San Anard limiti tar-Rabat ta' Malta. Il-ġisem tiegħu indifen fil-knisja li nsibu fil-Forti Sant'Anġlu. Iżda isem dan il-Gran Mastru jibqa' ħaj għal dejjem bis-saħħa tal-Belt Senglea li nbniet fi żmienu u li ġġib bi kburija ismu.



Il-Kripta tal-Granmastri fil-Konkatidral ta' San Ġwann. Il-Lapida tan-naħa tal-lemin hi dik tal-Granmastru Claude de La Senglè.

UNISEX SALON

Etrabelle
**Creations**
10, Triq ix-Xatt Cospicua
With Competitive Prices we Specialise in:
Human/Synthetic Hair Extensions • New Colour Technique

Goldwell • Lakme • Angel • Cosmovant • Wella

